TARXIEN

# KUNSILL LOKALI TARXIEN

## Minuti Laqgħa Straordinarja Nru. 05/06

## IS-SITT AMMINISTRAZZJONI

* Il-Laqgħa Straordinarja Nru 05/06 tas-Sitt Amministrazzjoni saret nhar it-Tlieta 01 ta' Settembru 2009 fil-5.30pm fl-Uffiċċini Amministrattivi f'73, Triq Santa Marija, Tarxien. — Data u hin

** Preżenti għal-Laqgħa: — Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur P. Farrugia | Sindku |
| Is-Sur Frans Agius | Viċi Sindku |
| Is-Sur L. Bonavia | Kunsillier |
| Is-Sinj. D. Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Keith Darmanin | Kunsillier |
| Dr O. Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur Ismael Dalli | Kunsillier |
| Is-Sur Maurice L. Mallia | Seg. Eżek. |

*** Is-Sindku, s-Sur P. Farrugia qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.

## 1.0 Applikazzjoni għas-Serata ta' Għana quddiem il-Pretoria Bar

**1.1** Filwaqt li skuża ruħu li fi żmien qasir kellha tissejjaħ laqgħa straordinarja, is-Sindku ta spjegazjzoni fil-qosor dwar l-applikazzjoni minn Annunzjato Pace tal-Pretoria Bar sabiex issir serata ta' għana barra ħdejn l-istess bar.

**1.2** Hu fakkar dwar id-deċiżjoni unanima tal-Kunsill li minħabba li din hi attivita' kummerċjali mhux possibbli li jingħalqu t-toroq imsemmija fl-ittra, għal-raġunijiet imsemmija fil-laqgħa preċedenti. Deċiżjoni tal-Kunsill

**1.3** Is-Sindku qal ukoll li dak li ddiskutejna f'dik il-laqgħa u l-proposta tas-Sur L. Bonavia li tingħalaq Triq Xintill biss, l-għada ġew bl-istess proposti l-organizzaturi qabel biss ma nfurmajnihom uffiċjalment.

**1.4** Żied jgħid li anzi dakinhar stess bil-lejl wara l-laqgħa hu ġie avviċinat verbalment b'dawn il-proposti.

**1.5** Dan ifisser, kompla jgħid, li xi ħadd mill-Kunsillieri mar jinforma lill-organizzaturi dwar dak li ġie deċiż fil-Kunsill qabel ma ħarġet l-ittra uffiċċjali mingħand is-Seg. Eżek.

**1.6** Sadanittant ġiet ippreżentata petizzjoni ffirmata minn residenti li joqgħodu fi Triq Xintill li "ma jsibux oġġezzjoni sabiex nhar il-Ġimgħa 4 ta' Settembru tingħalaq parti tat-Triq Xintill sabiex issir is-Serata ta' Għana". Fil-petizzjoni kien hemm ukoll firem minn residenti ta' Misraħ tas-Suq li m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-attivita'. Petizzjoni

**1.7** Is-Sindku qal li kellu laqgħa mas-Supretendent tal-Pulizija u l-Ispettur li qablu magħna li Misraħ tas-Suq u Triq Palma ma jingħalqux. Laqgħa mal-Pulizija

**1.8** Il-pulizija qed jitolbu li jrid ikun hemm il-permess tal-Kunsill; li jkun hemm preżenza ta' żewġ pulizija, u li d-daqq u storbju jieqfu mal-11.00pm skont il-liġi tal-pajjiż.

**1.9** Is-Sindku qal ukoll li ndaga mal-Malta Tourism Authority li nfurmawh li għal "One-Day Activity" għandu jinħarreġ il-permess tal-Kunsill għall-użu ta' mwejjed u siġġijiet u jsir il-ħlas relatat.

## 1.10 Rikapitulazzjoni

1.10.1 Petizzjoni tat-talba mingħand Pretoria Bar għal serata ta' għana nhar il-Ġimgħa 4 ta' Settembru sa nofsilejl u tingħalaq l-ewwel parti ta' Triq Xintill k/m Triq Paola kif ukoll armar barra ta' mwejjed u siġġijiet, bar u palk (skont Dr O. Caruana).

1.10.2 Il-Kunsill iddeċieda unanimament li Triq Paola ma tingħalaqx u lanqas Misraħ tas-Suq; li d-daqq u storbju ieħor jieqaf mal-11.00pm skont il-liġl tal-pajjiż; jitħallas il-permess tal-imwejjed, bar u palk (jekk ikun hemm); li l-area tinżamm nadifa f'kull ħin u li jinġiebu l-permessi kollha meħtieġa mingħand l-Awtoritajiet konċernati. Dan minbarra l-kundizzjonijiet l-oħra stabbiliti fl-Avviż Legali.

1.11 Ser ikunu nfurmati l-organizzaturi b'din id-deċiżjoni.

## 2.0 Għeluq tal-Laqgħa

**2.1** Filwaqt li rringrazzja lill-Kunsillieri li attendew għal din il-laqgħa deċisiva, is-Sindku għalaq il-laqgħa sine die fis-7.00pm.

| | |
|---|---|
| *P. Farrugia* | *M. L. Mallia* |
| *Sindku* | *Seg. Eżek.* |